MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2450/1996/1

**Aquatess Ltd**

**Vs**

**Kontrullur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Lulju 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici Aquatess Ltd kienet importat go Malta konsenja ta' Olio di Semi konsistenti f' erbat elef landa ta' litru il-wiehed u dan kollox regolarment u skond il-ligi, kopja ta' l-*invoice* relattiva mmarkata Dok. A annessa ma' l-att ta' citazzjoni;

U premess illi l-konvenut Kontrullur tad-Dwana kien qabad l-istess merkanzija mill-poter ta' l-atturi u dan kif jidher min-nota ta' qbid mahruga mill-istess Kontrullur esebita ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata Dokument B;

U premess illi l-atturi bl-appozitu rikors ikkontestaw l-validita` u regolarita` ta' dan il-qbid liema proceduri jinsabu pendenti quddiem dina l-Qorti fl-atti tar-rikors numru 1109/95, fl-ismijiet "Joseph Ellul Sullivan *nomine* vs Kontrullur tad-Dwana" ghall-gurnata tal-5 ta' Novembru, 1996;

U premess illi dina l-merkanzija minhabba d-dekors taz-zmien soffriet deperiment u deterjorament b' mod li dina ma ghadhiex tajba ghall-bejgh;

U premess b' hekk l-atturi gew soffrew danni konsistenti fit-telf ta' qliegh u telf tal-merkanzija fuq imsemmija, u dawk id-danni relattivi u konsegwenzjali li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi dawn id-danni gew minnhom sofferti unikament tort u htija tal-konvenut;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara irritu u null il-qbid tal-fuq imsemmija merkanzija mill-konvenut ghat-tenur tan-nota ta' qbid numru 72/1995;

2. Tiddikjara lill-konvenut konsegwentement responsabbli ghad-danni rizultanti bhala konsegwenza ta' l-istess qbid u sofferti mill-atturi;

3. Tillikwida konsegwentement d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo b' opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Novembru 1995;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana pprezentata fl-20 ta’ Marzu 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. L-irritwalita` ta’ l-azzjoni in kwantu hija konsegwenzjali jew incidentali ghal nota ta’ qbid tad-Dwana li hija kontestabbli biss bi procedura *ad hoc* stipulata fl-Artikolu 73 tal-Kapitolu 37;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-*lis alibi pendens* in kwantu l-azzjoni terreferi ghal dak li huwa diga` l-meritu tal-kawza fl-ismijiet “Joseph Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Aquatess Limited vs Kontrollur tad-Dwana” (Cit. Nru. 1109/95);

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi meta effettwa l-qbid in kwistjoni l-esponent ezercita l-poter u wettaq id-dover li taghtih il-ligi u ma wettaq ebda fatt illecitu fil-konfront tas-socjeta` attrici u ma jirrispondix ghad-danni;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi n-nota ta’ qbid ta’ l-oggetti nharget meta l-merkanzija in kwistjoni kienet diga` vicina hafna ghad-data ta’ l-iskadenza taghha u ghalhekk dak il-qbid, fi kwalunkwe kaz, ma seta’ kkaguna ebda danni;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta' Marzu 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' x-xhieda u l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process kif dawk tal-kawza l-ohra fuq imsemmija (rikors numru 1109/95 li giet deciza llum stess);

Ikkonsidrat:

Kif jirrizulta mill-verbali taghha din il-kawza kienet mixja flimkien mal-kawza l-ohra fl-ismijiet "Joseph Ellul Sullivan *nomine* –vs- Kontrollur tad-Dwana" (Rikors Numru 1109/95). F' dik il-kawza deciza kontestwalment, is-socjeta` attrici odjerna talbet ir-rilaxx tal-merkanzija elevata bin-Nota ta' Qbid Numru 72/1995;

Fl-ordni kemm logiku kif ukoll guridiku l-azzjoni odjerna ghad-danni kellha tkun konsegwenti ghar-rizultat decizorju tal-kawza appena referenzjata. Fil-prattika pero` gara li l-merkanzija lahqet iddeperiet u dan ta lok ghall-azzjoni prezenti;

Huwa evidenti illi gjaladarba din il-Qorti sabet li n-Nota ta' Qbid kienet fic-cirkostanzi tal-kaz ghal kollox gustifikata, l-azzjoni prezenti ma jistax ikollha ezitu favorevoli billi mhux il-kaz li s-socjeta` attrici tigi kompensata ghad-danni allegatament subiti;

A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet minnha zvolti fil-kawza l-ohra u taghmel li dawn japplikaw *mutatis mutandis* anke ghall-istanza odjerna. Tixtieq forsi zzid illi gjaladarba fil-kaz in

ispecje l-ebda att illecitu ma gie riskontrat fil-kondotta tal-konvenut ma jistax allura jinghad li kien hemm lezjoni tad-dritt tas-socjeta` attrici, li, f' data sitwazzjoni, kien igib b' effett l-obbligu ta' l-awtur tal-lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali sofferti mill-persuna danneggjata.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tirrespingi u tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez gudizzjarji jibqghu a karigu taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------